**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Dicembru 2021**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 712/2021**

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr Ramon Bonnet Sladden u P. L. Louisa Tufigno**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil**
**Lai Xiao Qian, nominati**
**b'digriet tal-20 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-21 ta' Llulju 2021 li jghid hekk:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta attrici u huma ta' kwalita inferjuri u ghandhom fake packaging.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container ECMU8128130 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghall-azzjoni ta' danni.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tad-29 ta' Novembru 2021 fejn ecceppew:

1. Preliminarjament illi l-avukat sottofirmat gie nnotifikat bir-rikors promotur nhar l-24 ta' Novembru 2021.
2. Illi l-kuraturi deputati sottoformati mhumiex edotti mill-fatti izda billi jidher li l-kawza tippernja dwar trademark protetta, jirrimettu rwiehom ghall-provi.
3. Illi fi kwalunkwe kaz, id-ditta jew socjeta attrici ghandha iggib prova ta' dak kollu minnha allegat u tali prova ghandha tkun skont l-Art. 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks f'Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru ECMU8128130 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur E.R. TOKYO li kien diehel Malta fit-22 ta' Dicembru 2020 l-Ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana sabu konsenja ta' sitt mija erbgha u tletin (634) kaxxa b'total ta' hamest elef tnejn u sebghin (5,072)

par zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mill-affidavit datat 19 ta' Lulju 2021 (Dok. C fol. 7) maghmul minn Ulla Sieber, rapprezentanta tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Raymond Caruana datat 4 ta' Novembru 2021 (fol. 24) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Ulla Sieber li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma a karigu tal-konvenut. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz b'dan illi

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'sitt mija erbgha u tletin (634) kaxxa b'total ta' hamest elef tnejn u sebghin (5,072) par zraben sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li f'container numru ECMU8128130 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenut u a spejjez tieghu;

3. Tordna lil konvenut ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati u tal-ispejjez tal-Ufficjal tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tad-dwana (fol. 25);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur